SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN

**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 39/K5/08

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 19/02/'08 228**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 19/02/'08 281**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Tlieta 19 ta' Frar 2008.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.30 p.m.

1.03 Preżenti: Ħames membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-iskrivana Roberta Sammut.

1.04 Skużati: Il-Kunsilliera Karl Gouder u David Borg.

1.05 Kien hemm preżenti l-Accountant is-Sur Louis Padovani.

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2. Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fit-13 ta' Frar 2008. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport Finanzjarju sal-31/12/2007
4. Approvazzjoni ta' Budget / Business Plan
5. Performance Bonus

6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 38/K5/08 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ressqet emenda sabiex f'paġna 4, para 3.15 wara l-kliem **"li ssir bit-tarmak"** jiżdiedu l-kliem "**għal kwalita' aħjar u bi prezz ħafna orħos, skond l-opinjoni tiegħi**".

1.3.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni ta' Minuti 38/K5/08 kif ġew emendati.

1.3.06 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

1.3.07 Il-Kunsilli qabel unanimament.

1.3.08 Iċ-Chairman Peter Bonello talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi Item 3 u 4 qabel Item 2.

1.3.09 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**3 Rapport Finanzjarju sal-31/12/2007**

3.01 Il-Kunsill ġie pprezentat b'Rapport Finanzjarju sal-31/12/2007 (Ara Appendiċi 'A').

3.02 L-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Louis Padovani, ta spjegazzjoni ddettaljata filwaqt li nġibdet l-attenzjoni li fuq ċerti items saret nefqa aktar minn dak stmat. Għalhekk il-bilanċ ta' € 33,140 (Lm 14,227.00) li kien fadal fuq il-proġett ta' Ta' Ġiorni u li l-Kunsill kellu l-ħsieb li juża għal Xatt is-Sajjieda ġie utilizzat.

3.03 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-ammont ta' € 37,850 (Lm 16,249.00) li kienu allokati fuq Ġnien Saver

Zarb, u l-ammont ta' € 65,223 (Lm 28,000.00) li kienu allokati fuq Triq Sant' Elia, jiġu trasferiti biex jintużaw fuq *Repair & Upkeep.* Dan minħabba li l-Kunsill ser jingħata l-fondi mill-Urban Improvement Fund (UIF) għal dawn iż-żewġ proġetti. Din id-deċiżjoni tieħu post kull deċiżjoni oħra li ttieħdet qabel f'dan ir-rigward.

3.04 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li għandu jkun aktar kawt bid-deċiżjonijiet u mhux billi qed jiddeċiedi li jsiru ċerti xogħolijiet. Dan minħabba li jekk ma jkunx hemm biżżejjed finanzi dawn ma jistgħux isiru. Minbarra hekk għal ċerti xogħolijiet hemm bżonn li jkun hemm stima minn qabel.

3.05 Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tispjega li jekk issir nefqa aktar minn dak li hemm allokati fir-rapport finanzjarju li ġie ppreżentat lilhom, il-Kunsill jista jiġi f'sitwazzjoni finanzjarja ħażina.

3.06 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sal-31/12/2007.

3.07 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

3.08 Il-Kunsill qabel unanimament.

**4 Approvazzjoni ta' Budget / Business Plan**

4.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tal-Budget / Business Plan (Ara Appendiċi 'B').

4.02 Is-Sur Louis Padovani ta spjegazzjoni ddettaljata rigward dan ir-rapport.

4.03 Il-Kunsillier Norman Vella ippropona l-approvazzjoni tal-Budget / Business Plan.

4.04 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

4.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.06 Iċ-Chairman Peter Bonello rringrazzja lis-sur Louis Padovani għan-nom tal-Kunsill tax-xogħol kollu li għamel tul it-tlett snin ta' din il-leġislatura. Is-Sur Padovani ġie skużat fit-3.20p.m.

## 2 Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma:-

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

19&646 Ittra mingħand il-Go rigward External Cabinets f'San Ġiljan.

200 Ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward id-Devoluzzjoni ta' art f'Ta' Ġiorni.

230 Ittra mingħand il-Massive Promotions rigward *The Sports Gallery*.

231 Ittra mingħand Dr. Noella Azzopardi Grima dwar ittra li ġiet lura, rigward il-każ Earth Care Co Ltd vs Kunsill Lokali San Ġiljan.

324 Ittra mingħand ir-residenti ta' Triq Spinola rigward *Residential Parking at Spinola Road / Xatt is-Sajjieda*.

333 Ittra mingħand il-Ministeru għat-Turiżmu u Kultura rigward spejjeż involuti mal-attivita' tal-karnival.

442 Ittra mingħand Scotts Supermarket rigward *Controlled Parking in Wied Għomor Square, Spinola.*

530 Notifika ta' bdil ta' l-ammont ta' pagament fuq self mingħand il-BOV.

594 Ittra mingħand John G. Cassar Ltd rigward it-*Tender for the Supply and Installation of play equipment at Saver Zarb playing field*.

609 Ittra mingħand il-Water Services Corporation rigward xogħolijiet fi Triq *Sant' Elia*.

627 Ittra mingħand l-ADT rigward talba għal Keep Clear quddiem il-*Fire Hydrant* barra Bay Street Complex.

633 Ittra mingħand Ms Marisa Darmanin, UIF Committee, MEPA, rigward Ġnien Saver Zarb.

641 Ittra mingħand il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura rigward il-ħsara li saret fil-maltemp tal-24 ta' Jannar 2008.

652 Memo 5/2008 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-kuntratt tar-Refuse Collection.

690 Ittra mingħand l-Għaqda Armar ta' l-Festa, Madonna tal-Karmnu, Balluta, rigward Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa.

2.02 Rif. Nru. 19 & 646

B'riferenza għall-ittra mingħand l-Inġ. Peter Fiott, rappreżentant tal-Go plc, rigward 'on site meeting' miegħu dwar l-installazzjoni ta' *External Cabinets* f'San Ġiljan ġie deċiż unanimament illi jiġi nfurmat biex jerġa jressaq it-talba li saret wara Marzu 2008, meta jiġi elett il-Kunsill il-ġdid.

2.03 Rif. Nru. 200

Waqt li ġiet diskussa l-ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward id-Devoluzzjoni ta' l-art f'Ta' Ġiorni, inġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill għadu ma rċevix risposta bil-miktub għal K1040/Tend.F//07, fejn il-Kunsill talab għall-kummenti tad-Dipartiment għall-Gven Lokali għad-dokument li ġie ppreparat biex jinħareġ it-tender għal amministrazzjoni tal-ġnien. Madankollu l-Kunsill ġie nfurmat verbalment mid-Dipartiment illi jekk id-dokument li ġie ppreparat huwa konformi mal-liġi/procedure tal-Kunsill, id-Dipartiment ma jsibx oġġezzjoni li eventwalment tinħareġ sejħa għall-offerti wara li tingħata d-devoluzzjoni ta' l-art.

2.04 Ġie deċiż unanimament li f'dan l-istatdju kopja tad-dokument tat-tender jiġi mgħoddi lill-Avukat tal-Kunsill għall-kummenti tiegħu.

2.05 Inġibdet l-attenzjoni li diġa saru diversi talbiet lill-Kunsilliera biex isir użu mill-Pitch 5 a-side. F'dan l-istadju ġie deċiż

unanimament illi jingħata permess biex jintuża il-grawnd biss u li:-

i. L-amministrazzjoni tal-Kunsill tipprepara applikazzjoni sabiex din timtela u tiġi ffirmata kull meta ssir talba biex isir il-logħob;

ii. Kull talba għandha ssir lill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill;

iii. Kull min japplika mitlub li jħallas l-ammont ta' € 2.33 (Lm 1.00) għal kull player minimu ta' € 23.30 (Lm 10.00) is-siegħa. Dan sabiex ikopru parti mill-ispejjeż tad-dawl u manutenzjoni;

iv. L-applikant għandu jieħu ħsieb li l-inkonvenjent lir-residenti jkun minimu.

v. Il-Post għandi jinżamm nadif u fi stat tajjeb;

vi. Kull ħsara li ssir għandha titħallas;

vii. Minn jiffirma l-applikazzjoni jkun responsabbli għall-kundizzjonijiet kollha.

2.06 l-Kunsilliera Irene Borg ser tiċċekja jekk hemmx xi kundizzjonijiet speċifiki f'sitwazzjonijiet simili u tinforma lill-Kunsill.

2.07 Rif. Nru. 230

B'riferenza għall-ittra mingħand il-Massive Promotions rigward talba biex jittelgħu attivitajiet b'konnessjoni mal-Euro Champions League, European Cup of Nations u The Beijing Olympics f' April, Ġunju u Awissu rispettivament ġie deċiż unanimament illi tintbagħat ittra lill-ADT fejn jintalab li jiġi vverifikat jekk hemmx xi spejjeż involuti biex il-Massive Promotions, b'kollaborazzjoni mal-Kunsill u l-Ministeru għat-Turiżmu u Kultura, itellgħu dawn l-attivitajiet. F'każ li ma jridx isir ħlas terġa ssir laqgħa mal-Massive Promotions sabiex jiġi rivedut l-ammont li ser jingħata bħala donazzjoni lill-Kunsill. Jekk jirriżulta li hemm xi spejjeż dawn iridu jitħallsu kollha mill-Massive Promotions u l-Kunsill xorta jidħol f'diskussjoni magħhom dwar id-donazzjoni.

2.08 Rif. Nru. 231

B'riferenza għall-ittra mingħand Dr Noella Grima dwar ittra li ġiet lura, rigward il-każ Earth Care Co Ltd vs Kunsill Lokali San Ġiljan, ġie deċiż unanimament illi l-Kunsillier Edgar Montanaro jiċċekja fuq din il-materja u jinforma lill-Kunsill.

2.09 Rif. Nru. 324

B'riferenza għall-ittra mingħand xi residenti ta' Triq Spinola rigward Residential Parking fl-istess triq, ġie deċiż unanimament illi l-Kunsillier Edgar Montanaro jiltaqa' magħhom u jinforma lill-Kunsill.

2.10 Il-Kunsilliera Irene Borg ġiet skużata fl-4.00p.m.

2.11 Rif. Nru. 442

B'riferenza għall-ittra mingħand Scotts Ltd rigward *controlled parking* fil-parking area tat-Tigullio ġie deċiż unanimament illi:-

i. Tintbagħat kopja ta' din l-ittra lill-ADT fejn il-Kunsill jirrakomanda illi jsir dan il-controlled parking b'kundizzjoni li l-Kunsill iżomm id-dritt li juża din l-area kull meta jkun hemm il-bżonn;

ii. Jekk din it-talba tiġi approvata, il-klijent jiġi nfurmat bil-kundizzjoni u jiġi mitlub jagħmel l-upgrading ta' l-area għall-ispejjeż tiegħu.

2.12 Rif. Nru. 594

B'riferenza għall-ittra mingħand John G Cassar rigward it-tender ta' Ġnien Saver Zarb ġie deċiż unanimament illi kopja ta' din l-ittra tintbagħat lill-MP&DC biex jiġi ppreparat il-contract agreement.

2.13 Rif. Nru. 609

B'riferenza għall-ittra mingħand il-Water Services Corporation rigward xogħolijiet li jridu jsiru min-naħa tagħhom meta jsir ir-resurfacing ta' Triq Sant' Elia, ġie deċiż

unanimament illi l-Kunsill iħallas għall-ispejjeż involuti ta' €7,591 mill-fondi li diġa' hemm allokati fuq Triq Sant' Elia.

2.14 Rif Nru. 627

Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jirrakkomanda lill-ADT li ma jsibx oġġezzjoni għat-talba li saret biex issir *keep clear bay* quddiem il-*Fire Hydrant* barra Bay Street Complex.

2.15 Rif Nru. 633

B'riferenza għall-ittra mingħand il-MEPA dwar il-fondi li ser jingħataw fuq Ġnien Saver Zarb inġibdet l-attenzjoni sabiex il-Kunsill jikkunsidra l-fatt li jekk ma jsirux ir-railings jistgħu jintilfu madwar €30,290 (Lm13,000); barra minn hekk għandhom jintbagħtu d-dokumenti kif mitluba lill-MEPA sas-26 ta' Frar 2008.

2.16 F'dan l-istadju ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jagħmel l-kuntratt mal-MEPA skond it-talba li saret u jekk jirriżulta li l-quddiem, għal xi raġuni, ma jsirx ir-railings, il-Kunsill jitlob lill-MEPA biex dawn il-fondi jintużaw għat-tisbiħ ta' Xatt is-Sajjieda.

2.17 Iċ-Chairman Peter Bonello nforma lill-Kunsill illi l-Onorevoli George Pullicino ser jiltaqa' mas-sajjieda nhar il-Ħadd 24 ta' Frar 2008 fid-9.30a.m. u talab sabiex jagħmel użu mill-uffiċċju amministrattiv.

2.18 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

2.19 Rif. Nru 690

B'riferenza għall-ittra mingħand l-Għaqda Armar ta' l-Festa Madonna tal-Karmnu Balluta ġie deċiż unanimament illi b'kollaborazzjoni mal-Kunsill tittella wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa għall-ammont ta' €235 (Lm101.05).

2.20 Saret riferenza għall-ittra Inc. 5191/07 fejn il-Kunsill ġie nfurmat mill-Active Enterprises li peress li hu ma biegħx l-ispazju kollu għar-reklamar fuq il-U Shaped Barriers, ħallas parti biss mill-ammont dovut lill-Kunsill. Ġie deċiż unanimament illi s-Sur Herbert Naudi jiġi nfurmat biex iħallas

id-differenza li ma ħallasx u wara t-terminu tal-kuntratt eżisteni jerġgħu jsiru diskussjonijiet miegħu.

**5 Performance Bonus**

5.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq l-appraisal forms tas-

Segretarju Eżekuttiv u tal-impjegati tal-Kunsill għal approvazzjoni (Ara Appendiċi 'Ċ').

5.02 Is-Segretarju Eżekuttiv rrakomandat illi l-impjegati kollha jingħataw il-full performance bonus.

5.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Performance Bonus ta' l-iskrivani.

5.04 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

5.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.06 Iċ-Chairman ippropona li s-Segretarju Eżekuttiv tingħata l-full Performance Bonus.

5.07 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

5.08 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.09 Is-Segretarju Eżekuttiv, f'isimha u f'isem l-impjegati rringrazzjat lill-Kunsill.

**6 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

6.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

6.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

6.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

7.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2419 sa 2435 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

7.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets.

7.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

7.04 l-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Ġie deċiż unanimament illi jekk ikun hemm xi xogħolijiet oħra ta' manutenzjoni li jistgħu jsiru u jkun hemm fondi biżżejjed biex isiru dawn isiru.

7.06 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

7.07 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**8 Materji Oħra**

8.01 Saret riferenza għall-Minuti 37/K5/07 taqsima 2 paragrafu 2.03 li tittratta dwar l-art ta' ħdejn il-Westin Dragonara li l-Kunsill qed jitlob id-devoluzzjoni tagħha, u fejn il-Kunsill iddeċieda li jiġi ppreparat it-tender document għat-tmexxija ta' dan il-car-park' u tiġi nkluża l-ispiża tal-MEPA għar-riskju ta' min jieħu t-tender. Hawnhekk inġibdet l-attenzjoni li sakemm l-art tiġi devoluta lill-Kunsill dan it-tender ma jistax jinħareġ. Għalhekk hemm bżonn li tittieħed deċiżjoni tal-Kunsill jekk huwiex ser jitħallas l-'underpaid building levy' tal-MEPA ta' €9492 (Lm4075) nieqes l-ammont ta' €4751.92 (Lm2040) tal-main sewer jekk ikun il-każ (Inc5123/07).

8.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament illi għalissa tibqa' 'on hold' u jiddeċiedi Kunsill ieħor.

8.03 B'riferenza għall-ittra li Kunsill kien irċieva mingħand l-HSBC rigward Community Initiatives (Inc. 4820/07) il-Kunsill ġie nfurmat illi verbalment ġie kkonfermat illi l-ammont ta' €2330 (Lm1000) ser jiġu mgħoddija lill-Kunsill. Għalhekk meta jkun

qed isir ix-xogħol għandu jiġi nnotifikat il-Bank u għandha tintbagħat fattura lill-HSBC.

8.04 Il-Kunsill ġie nfurmat illi:-

i. Tħallas l-ammont ta' €23.30 (Lm10) biex tneħħa l-arloġġ tad-dawl elettriku li kien hemm fil-post amministrattiv li kellu l-Kunsill, fl-iskola Primarja Dun Ġużepp Xerri;

ii. Ser isir *transfer* ta' €140,000 (Lm60,085) mill-kont tal-BOV għall-kont tal-HSBC u jekk ikun hemm bżonn isir *transfer* ieħor;

iii. Il-mini fridge li kien hemm fl-uffiċċju tas-Sindku bil-ħsara u ma tissewwix u għaldaqstant ser tinxtara oħra;

iv. Ser jinxtara computer ieħor bi flat screen għall-użu ta' l-uffiċċju amministrattiv.

8.05 Inġibdet l-attenzjoni li l-bozoz li twaħħlu f'Wesgħet Ġużi Tanti għandhom bżonn jinxtgħelu.

8.06 Ġie deċiż unanimament li:-

I. jsiru żewġ rubber road humps fi Triq San Ġorġ (il-parti ta' fejn il-Plant Studio). Il-Kunsillier Richard Scicluna għandu jipprovdi r-ritratti u jimmarka site plan sabiex issir l-applikazzjoni lill-ADT.

II. issir tabella fejn hemm ir-rampa, quddiem l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, u

III. issir talba lil-ADT biex isir 'Keep Clear Bay' bil-ħinijiet tal-uffiċċju quddiem ir-rampa.

8.07 Ġie deċiż unanimament illi l-Kumitat Konġunt jiġi mitlub jindika kif qegħda l-proċedura fir-rigward karozzi abbandunati.

8.08 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fil-4.45p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |